Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 73/2015

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Stephen David Bell

Illum 25 ta' Frar, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Stephen David Bell, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 53487M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-17 ta' Lulju, 2015 fis-02:35am bil-vettura BEL987 gewwa Paceville, San Giljan:

1. Saq, jew ipprova isuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
2. Naqas jew irrifjuta li jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina.
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni.
4. Waqt li kien qed isuq vettura li ggorr merkanzija hafifa naqas li jilbes cintorin tas-sigurta'

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenjzi kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u l-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12 sabithu hati tal-akkuzi bin-numru tlieta u erba' u mmultatu multa komplessiva ta' €150.00.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-20 ta' Frar, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn Stephen David Bell instab hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, u thassarha u tirrevokaha fejn ma sabithux hati u minflok issibu hati wkoll tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u konsegwentement timponi piena aktar idonejam ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fil-11 ta' Frar, tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-esponent ircieva minghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom hekk kif ser jigi spjegat fir-rikors ta' appell.

Illi l-esponent gie infurmat mill-Ispettur Maria Stella Attard li l-liberatorja tal-appellant kienet minhabba l-fatt, u dana jidher car ukoll mis-sentenza innifsiha, li l-

ewwel Qorti strahet biss fuq dak li xehed l-imputat qua appellat u dana ghalkemm inghatat verzjoni differenti minn dak indikat fuq l-affidavits tal-imsemmija Pulizija u li jaghmlu parti mill-atti processwali;

Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, l-esponent ma jsitax jifhem kif l-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-ewwel zewg imputazzjonijiet meta jidher car li min naha tal-prosekuzzjoni ngabet l-aqwa prova li setghet tingieb fir-rigward taghhom. Mid-dicitura tal-ligi johrog car li meta il-Pulizija jkollha dubbju ragjonevoli fuq il-kundizzjoni ta-sewwieq fir-rigward ta' sokor hi tista' titlob li jsir ezami tan-nifs u li f'cirkostanza ta' rifjut, li dan fih innfisu jikkostitwixxi reat, hu *juris tantum* prezunt li jkun hemm konsum ta' alkohol li jaqbez il-limitu preskritt. Galdarba l-appellat rrifjuta li jaghti kamnpjun tan-nifs dan bilfors kellu jinstab hati ta' reat u inoltre konsegwentement kellu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni peress li kien prezunt f'cirkostanzi ta' sokor;

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-aritkolu 15E(1) tal-Kapitolu 65 li jistipula li:

*(1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik ilpersuna -*

*(a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju;*

L-imsemmi artikolu 15A(4) ikompli jghid li persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun mehtieg hekk kif stabilit taht dan l-artikolu jew ir-regolamenti maghmula taht din l-Ordinanza tkun hatja ta' reat u sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alokohol fid-daemm ta' dik il-persuna ikun izjed mill-limitu preskritt:

Izda tkun difiza ghal dak il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas taghha li taghti kampjun kien minhaba l-inkapacita' fizika jew mentali li taghtih jew ghaliex l-ghoti tieghu kien jaghti lok ghal riskju sostanzjali ghal sahhitha.

Fil-kaz odjern gie stabbilit, u ta' dan hemm il-prova kif sejjer jigi indikat, li ghalkemm l-appellat gie mitlub li jaghti kampjun tan-nifs, hekk kif rikjest bil-ligi u hekk kif kellhom kull dmir li jaghmlu l-Pulizija u dana sabiex jissalvagwardjaw il-ben essere tas-socjeta' in generali, hu rrifjuta li jaghmel dan it-test, dan jixhdu r-rapport tat-test li jinsab anness a fol 8 tal-process u in oltre ma tressqet l-ebda raguni valida da parti tal-appellat sabiex jirribatti l-imputazzjoni relattiva.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa 'il quddiem mill-Avukat Generali hija limitata ghal dik il-parti tad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn l-appellat gie illiberat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fejn huwa gie akkuzat bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 15A(1) u 15(E) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex jishaq illi l-provi kienu jindikaw xort'ohra anke bil-fatt biss illi l-appellat irrifjuta joqghod ghat-test tan-nifs minghajr raguni valida fejn allura tiskatta l-presunzjoni legali illi l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ikun jaqbez il-limitu preskritt fil-ligi.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' lill-appellat jaghti x-xhieda tieghu u hadet konjizzjoni ta'l-affidavits epprezentati mil-PC593 Raphael Attard Flores, PC345 Mark Cremona u PS1245 Klaus Mifsud li investigaw dan is-sinistru. Jirrizulta mill-provi illi l-appellat kellu diverbju ma' taxi-driver meta huwa waqqaf ghal ftit tal-hin fuq it-taxi-stand sabiex jistenna lill-passiggiera li kienet mieghu tmur tigbed il-flus mill-ATM. Bir-rabbja jidher illi l-appellat saq minn fuq il-post b'mod traskurat minghajr ma libes ic-cinturin tas-sigurta u waqqaf ftit 'il boghod meta gie intercettat mill-pulizija. It-tlett pulizija li investigaw il-kaz isostnu illi l-appellat kellu riha qawwija ta' xorb fuqu. L-appellat stess jammetti illi f'dik is-serata waqt li kien xoghol bhala Dee-Jay xorob xi xorb alkoholiku. Ighid illi xorob madwar tlett tazzi xampanja. Izda isostni illi r-riha qawwija li inxtammet fuqu kienet attribwibbli ghal

fatt illi l-klijenti bdew ixejjru ix-xampanja mal-post u ghalhekk seta' intlaqat minn dan ix-xorb fuq hwejjgu. Mehud imbaghad l-ghassa tal-pulizija sabiex jittiehdlu kampjun tan-nifs bl-apparat appozitu huwa jirrifjuta jaghmel dan minghajr ebda raguni u dan wara sahansitra kien ikkomunika mal-avukat tal-fiducja tieghu. Ighid illi ma giex lilu spjegat car u tond mill-pulizija l-apparat li kien qed jigi impoggi quddiemu x'kien u x'kellu jaghmel u allura irrifjuta li jaghmel dan it-test, iffirma d-dokumenti appoziti u gie rilaxxjata.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Illi f'dan il-kaz, madanakollu, il-Qorti hija rinfaccjata b'decizjoni fejn l-Ewwel Qorti ma taghti l-ebda mottiv 'il ghala hija ghaddiet sabiex illiberat lill-appellat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghalkemm taghti r-ragunijiet taghha dwar is-sejbien ta' htija ghall-ahhar zewg akkuzi. Kwindi din il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni tistabilixxi jekk id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti kenitx wahda *safe and satisfactory* o meno fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi mill-atti probatorji fil-fatt jirrizulta illi kien hemm provi bizzejjed sabiex l-Ewwel Qorti setghet tasal ghal sejbien ta' htija ukoll fuq l-ewwel zewg akkuzi. Dan ghaliex gie ippruvat, anke *ex admissis* mill-appellat, illi huwa kien ikkonsma ammont ta' alkohol f'dik is-serata. Billi meta mehud gewwa l-ghassa tal-pulizija sabiex jiehu il-kampjun tan-nifs, huwa irrifjuta minghajr gustifikazzjoni li jaghmel dak mitlub minnu mill-pulizija, kwindi kif gustament isostni l-Avukat Generali tiskatta l-

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

presunzjoni legali ismemmija fl-artikolu 15(E) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gie deciz:

**"…. meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mil-ligi u f'dak l-istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami..**[2]"

Illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta sahansitra kienet ghamlet studju approfondit bejn ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(C) u l-artikolu 15(E), taht liema artikolu hija imressqa it-tieni akkuza fil-konfront ta'l-appellat, meta inghad:

**"Il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghall-finijiet ta' test tan-nifs (Art. 15C), u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-finijiet ta' l-analizi permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wiehed jirrifjuta jew jonqos milli jaghti wiehed jew aktar minn dawn iz-zewg kampjuni (cioe` ghall-finijiet tal-analizi permess ta' strument approvat) li wiehed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa car mill-kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu [u mhux ukoll taht l-Artikolu 15C] tkun hatja ta' reat..." Persuna li tirrifjuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan-nifs, jigifieri ghall-finijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-roadside test (ara d-definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe` fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall-analizi, u minghajr raguni valida skond il-ligi, tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4).**[3]"

---

[2] Il-Pulizija vs Ramon Fenech App.Inf – 26/03/2015
[3] Il-Pulizija vs Julian Sciberras – App. Inf. 13/03/2001

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-ewwel zewg akkuzi huma ippruvati f'dan il-kaz billi mhux biss jiirrizulta mill-provi illi l-appellat kellu riha qawwija ta' xorb fuqu u kien ikkonsma ammont ta' alkohol f'dik is-serat, izda ukoll illi mehud fl-ghassa tal-pulizija u offrut jaghmel l-analizi tan-nifs huwa irrifjuta minghajr ebda raguni valida jaghmel dan, sahanistra wara li kien anke kellem avukat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellat gie misjub hati tal-ahhar zewg akkuzi, tirrevoka f'dik il-parti fejn huwa gie illiberat mill-ewwel zewg akkuzi u f'dik il-parti fejn giet inflitta bhala piena multa ta' €150, minflok wara li rat l-artikoli 15A(1), 15(E)(4), 15H(1)(a)(2), 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12, issibu hati ta'l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront, tieghu tikkundannah multa ta' €1500 u tordna is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sitt xhur mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur